**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Stephen Nkenj**

**Illum 26 ta' Settembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stephen Nkenj** detentur tad-dokument Germaniz numru J 1417872 billi huwa akkuzat:

Talli fil-25 ta' Settembru 2020 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport ta' Franza, innumerat 13BF50013 u maħruġ f'isem Kamara Abrahim mahrug fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Charmaine Cherrett li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**<u>L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>**

L-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

> *'5.Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, mibdul jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn.'*

**<u>Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>**

L-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

> *'189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.'*

**L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta)**

L-Artikolu 32(1)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jgħid hekk:

*'32. (1) Kull persuna li ... (f) mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil- pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li jkun falsifikat ... tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra'*

**Immigrazzjoni illegali**

Il-Qorti ghal darb'ohra ghandha quddiema persuni mixlija b'reati marbuta mal-immigrazzjoni u dokumenti foloz. Ma tghaddix ghassa li ma jkunx hemm kazijiet bhal dawn. Izda fil-Qrati qeghdin jaslu biss kazijiet ta' vittmi ta' esplojtazzjoni izda qatt ma jitressaq xi hadd li organizza l-vjagg klandestin u min provdilhom id-dokumenti foloz. Ghall-Qorti huwa car hafna li hawn aktar minn organizzazzjoni wahda li qeghdin jahdmu f'pajjizna b'koperazzjoni ma' ohrajn fi stati varji fl-Afrika, fil-Libja u f'pajjizi ohra Ewropej, l-aktar fi bliet varji fl-Italja.

Ghandu jsir sforz li bil-mezzi li ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom il-forzi tal-ordni jimpenjaw ruhhom biex isibu min hu responsabbli ghall-isfruttament ta' tant persuni f'dan in-negozju mahmug li jwassal biex ikun hemm f'miljuni f'hasil tal-flus li jwassal anke ghas-sostenn tat-terrorizmu.

Il-Qorti tiskanta kif ftit li xejn jinghad dwar dan qisu hemm sarima ma' dawk li tant jitkellmu fuq kollox.

L-industrija tal-immigrazzjoni filwaqt li qieghda thalli l-vittmi fuq l-art u l-bahar, qieghda taghmel il-miljuni minn eluf ta' persuni vulnerabbli.

L-isfruttament jibda mill-irhula fl-istati minn fejn jitilqghu u jiddahlu l-Libja, hemmhekk ikompli l-isfruttament u l-abbuzi biex ikollhom aktar flus biex minghalihom jaghmlu l-vjagg tat-tama, jkompli fuq il-bahar fejn jintbaghtu fuq bcejjec tal-bahar li lanqas ikunu tajbin ghal ftit mili, ahseb u ara biex jaghmlu vjagg lejn Sqallija. Meta jaslu f'xi pajjiz inkluz Malta jkun hemm min ikompli jisfrutthom u jipprovdilhom dokumenti foloz li jkunu waslu f'pajjizna mill-pajjiz gar taghna.

Il-Qorti terga' tappella biex ikun hemm koordinament aktar sod u li jaghti l-frott fil-glieda kontra t-traffikanti tal-bnedmin u jingab quddiem dawn il-Qrati min qieghed jisfrutta lil tant persuni.

## <u>Kunsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-piena</u>

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[1] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena li jinkludi fost il-principji kardinali hemm l-effett Retributtivu Preventiv tal-piena:

> *L-<u>**aspett retributtiv**</u> tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-*

[1]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

*reat. U s-socjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura specjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv specjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-*

*kollettivita'. Is-socjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

Fir-rigward tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstabu ħati li kkommetta l-imputat kif ukoll il-fatt illi l-imputat rreġistra ammissjoni bikrija.

**DECIDE:**

Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ssib l-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih taħt l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal- Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija.

Il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Principal tal-Immigrazzjoni biex qabel l-imputat jiskonta s-sentenza jibdew isiru arrangamenti halli hekk kif johrog mill-habs ikun ripatrijat lejn il-Germanja minn fejn gie b'dokumenti foloz.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**